MINUTI

# Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

Laqgħa Numru 24/2017

It-Tlieta 28 ta' Marzu 2017

Il-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson
Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson
Is-Sur Martin Cefai – Membru
Is-Sinjura Sandra Grech – Membru
Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – Ex Officio

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Simon Salomone Reynaud – Membru

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Josianne Cassar – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sinjura Marija Saliba - Chairperson ippresjediet il-laqgħa.

### 24.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

24.1.1 Iċ-Chairperson qalet li l-membru S Salomone Reynaud kien skużat u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

### 24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

24.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 23/2017 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

24.2.2 Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

24.2.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

24.2.4 Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentati u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 24.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson

24.3.1 Iċ-Chairperson infurmat lill-Kumitat illi attendiet mal-Inġinier Mario Galea ta' *Galea Curmi Engineering Consultants* f'diversi siti dwar bozoz ġodda f'Marsalforn. Il-Kumitat qabel illi għandha tintalab stima ta' dawn il-bozoz.

24.3.2 Iċ-Chairperson talbet lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv titlob pjanta ta' kif inhuma proposti l-*parking bays* tad-dgħajjes fil-Menqa u lill-Perit tal-Ministeru għal Għawdex.

### 24.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Membri

24.4.1 Dwar il-problema kbira ta' *patching* li hemm f'Marsalforn is-Sindku ssuġġerixxa li jiġi ordnat trakk *ready mix* bit-torba u siment u jissewwew il-partijiet l-aktar li huma perikolużi. Il-Kumitat qabel ma dan is-

suġġeriment u li jintuża r-romblu biex iwittih. Dan għandu jsir malajr kemm jista jkun biex jiġi evitat l-periklu.

24.4.2 Il-membru M. Cefai ssuġġerixxa li jintbagħat *reminder* sabiex isir il-plier li hemm nieqes jerġa jsir. Il-Kumitat qabel.

24.4.3 Il-membru S. Grech ssuġġeriet illi parti mid-dwal dekorattiv li nqala u għadu fi stat tajjeb minn Triq il-Port jitpoġġa quddiem l-ispiżerija fi Triq il-Wied. Il-Kumitat qabel.

## 24.5 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn li jkunu meħtieġa

24.5.1 Korrispondenza mingħand il-membru S. Salomone Reynaud bis-suġġett *Example of Tidy Towns in Ireland*. Is-Sur Salomone Reynaud bagħat ukoll lista tal-affarijiet li għandu bżonn il-grupp ta' voluntiera biex jintużaw għal proġett *Tidy Towns* f'Marsalforn. Il-Kumitat qabel illi jinxtraw dawn l-affarijiet fosthom boroż u ngwanti.

24.5.2 Dwar ir-*rumble strips* fi Triq il-Wied, B. Grima & Sons Ltd. bagħat stima bl-ammont ta' €1095.35. Dan il-prezz jinkludi t-trasport u l-ispejjez tal-vapur. Il-Kumitat qabel ma' din l-istima u qabel ukoll illi jitlob l-approvazzjoni ta' Transport Malta biex ikunu jistgħu jsiru dawn l-i*strips*.

24.5.3 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ppreżentat kopja tal-permessi tas-sena ta' qabel ta' Gary Doyle. Il-Kumitat qabel illi din is-sena ma jingħatax permess għar-raġuni li s-sena l-oħra ma nżammux ir-regolamenti li kien marbut bihom.

24.5.4 Il-Kumitat unanimament qabel illi:

- Jinxtraw tlett bankijiet mingħand Dimech Enterprises Ltd. b'*direct order* sabiex ikunu pariġġ dawn eżistenti fi Triq il-Wied;
- Issir rampa fi Triq il-Vulkan minn Road Construction Ltd.;
- Tintalab stima lil Mario Farrugia biex tinżebagħ u titranġa r-rampa tal-injam;
- Jintalab biex jingħataw żewġ ħaddiema f'Marsalforn lill-Ministeru għal Għawdex;
- Tinżebagħ l-art mill-ħaddiema tal-Kunsill fil-*promenade* tal-Qbajjar fil-parti ta' ħdejn il-kiosk.

24.5.5 Għall-laqgħa attendew is-Sinjuri Manwel u Anthony Farrugia, sidien tal-proġett ta' Trieste dwar il-ħajt fi Triq il-Qbajjar. Huma avviċinaw lis-Sindku fejn dan issuġġerixxa li jattendu għall-laqgħa tal-Kumitat. Ġiet ippreżentata pjanta tal-proġett. Ix-xogħol biex titwessa t-triq beda f'dik il-ġurnata u ser titwessa madwar 6 piedi. Il-membru S. Grech staqsiet dwar jekk hux ser jitneħħa l-parapett u huma wieġbu li dak ser jibqa' hemm u sar bil-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar. Il-Ħamis, 30 ta' Marzu ser jiltaqa l-Bord tal-Awtorita' tal-Ippjanar fejn ser jiddiskutu din l-applikazzjoni. Il-Kumitat qabel illi jikteb ittra lill-Bord tal-Ippjanar fejn jikkonferma li l-Kumitat qed japprova bix-xogħol li qed isir.

24.5.6 Korrispondenza dwar swastika graffiti faċċata tal-knisja ta' Marsalforn. L-Ispettur Camilleri ġabet l-awtorizazzjoni mingħand is-sid biex jinżebaħ il-ħajt tiegħu biex jitgħattew il-graffiti. Il-Kumitat qabel illi l-kliem jinbarax mill-ħaddiema tal-Kunsill.

24.5.7 Dwar Triq Għar Qawqla l-Kumitat qabel illi jitlob stima lill-Perit bil-prezzijiet il-ġodda tal-offerta tat-tarmak.

24.5.8 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat i-pjanta li kien għamel il-Perit Edward Scerri f'Ottubru 2016 taż-*zebra crossing* fi Triq il-Qbajjar. Wara diskussjoni l-Kumitat qabel illi jimxi ma' din il-pjanta u jitlob l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

24.5.9 Il-Kumitat qabel illi l-ispejjez li ntalbu mill-Inġinier E. Scerri dwar l-inċident li sar jiġu koperti bl-*insurance* tal-Kunsill. Għandha ssir talba lill-*insurance*.

24.5.10 Għall-laqgħa attenda is-Sur V. Refalo dwar il-permessi għall-attivitajiet li jsiru ħdejn il-gabbana tiegħu. Il-Kumitat qabel illi jinħarġu dawn il-permessi.

24.5.11 Ilment nru. KAM 04/2017 – K Said
Innutat li d-*double yellow lines* li saru fi Triq Daħlet l-Għerejjex itattew b'żebgħa sewda. Il-Kumitat qabel illi jerġgħu jinżebgħu u jsiru tabelli fuq il-bankina li jindikaw *No Stopping*.

24.5.12 Kopja ta' korrispondenza li ntbagħtet lis-Sindku fis-17 t'Awwissu 2016 mingħand l-Avukat Joseph Grech għan-nom ta' Michael Pace dwar

aċċident li seħħ fi Triq il-Munġbell bl-ispejjez ta' €588.79. Is-Sindku staqsa jekk din qatx ġiet diskussa fil-laqgħa tal-Kumitat peress li hu ma jafx biha. Għandhom jiġu ċċekkjati jekk hemmx imniżżel fil-minuti tal-Kumitat.

24.5.13 Il-membru S. Grech issuġġeriet illi jsir *floodlight* fit-tarf ta' Triq Għar Qawqla. Il-Kumitat qabel u għandu jsir kuntatt ma' *Galea Curmi Engineering Consultants* biex issir.

24.5.14 Dwar ix-xogħol biex isiru l-bankijiet fil-Menqa bil-materjal mill-Ministeru għal Għawdex inġabru żewġ stimi li kienu:

- Paul Saliba - €1160;
- George J. Zahra - €3186.

Il-Kumitat qabel illi jagħżel dik ta' Paul Saliba peress li kienet l-irħas waħda u ma teċċedix l-ammont għal *direct order*.

## 24.6 Mozzjonijiet

24.6.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 24.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

24.7.1 Il-laqgħa tal-Kumitat intemmet fit-8.00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tlieta 25 t'April 2017 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 25 t'April 2017.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Marija Saliba | Josianne Cassar |
| Chairperson | Deputat Segretarju Eżekuttiv |